**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Noor Alfat**
**Nazmul Hassan MD**
**Igbal Hossain MD**
**Shipon Mia**
**Das Ritu**
**Jamal Uddin**
**MD Sharif Uddin**
**Rahulu Muhammed**
**Shamum MD**

Illum it-22 ta' Mejju 2023

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Noor Alfat** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23C-003, **Nazmul Hassan MD** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23C-004, **Igbal Hossain MD** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23C-005, **Shipon Mia** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23C-006, **Das Ritu** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23C-007, **Jamal Uddin** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23C-008, **MD Sharif Uddin** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23D-018**, Rahulu Muhammed** imwieled Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23E-019 u **Shamum MD** imwieled

Bangladesh, residenti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni Ħal Far, Block D, Ħal Far u bin-numru tal-Pulizija 23E-022 talli flimkien ma' persuna oħra, ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Far, Block D, f'Ħal-Far, nhar is-7 ta' Mejju 2023 għall-ħabta ta' wara l-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45a.m.):

1. Ikkommettew ħarba sempliċi minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Far waqt li kienu taħt il-kustodja ta' persuni inkarigati miż-żamma tagħhom u dan bi ksur tal-Artikoli 151 u 160 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Ma obdewx ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħallewhx u fixkluh waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif komtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament:

(a) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Noor Alfat;
(b) Il-fedina penali tal-imputat Noor Alfat;
(c) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Nazmul Hassan MD;
(d) Il-fedina penali tal-imputat Nazmul Hassan MD;
(e) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Igbal Hossain MD;
(f) Il-fedina penali tal-imputat Igbal Hossain MD;
(g) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Shipon Mia;
(h) Il-fedina penali tal-imputat Shipon Mia;
(i) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Das Ritu;
(j) Il-fedina penali tal-imputat Das Ritu;
(k) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Jamal Uddin;
(l) Il-fedina penali tal-imputat Jamal Uddin;
(m) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat MD Sharif Uddin;
(n) Il-fedina penali tal-imputat MD Sharif Uddin;
(o) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Rahulu Muhammed;
(p) Il-fedina penali tal-imputat Rahulu Muhammed;
(q) Estratt tar-reġistrazzjoni tan-Numru tal-Pulizija tal-imputat Shamum MD;
(r) Il-fedina penali tal-imputat Shamum MD.

Rat li l-imputati ddikjaraw li huma ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnhom stess wara li l-Qorti spjegatilhom l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tagħthom biżżejjed żmien biex jirrikonsidraw l-posizzjoni tagħhom u jerġgħu lura mill-ammissjoni tagħhom;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**:

L-imputati qed jiġu mixlija talli flimkien ma' persuna oħra, ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Far, Block D, f'Ħal-Far, nhar is-7 ta' Mejju 2023 għall-ħabta ta' wara l-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45a.m.):

1. Ikkommettew ħarba sempliċi minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Far waqt li kienu taħt il-kustodja ta' persuni inkarigati miż-żamma tagħhom u dan bi ksur tal-Artikoli 151 u 160 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Ma obdewx ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħallewhx u fixkluh waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati kollha wieġbu li huma ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni, l-Qorti tqis kull wieħed mill-imputati għandu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih. Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' kull wieħed mill-imputati fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li kull wieħed mill-imputati għandu fedina penali netta. Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 151, 160, 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lil kull wieħed milll-imputati, fuq ammissjoni ta' kull wieħed minnhom stess, ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundanna lil kull wieħed minnhom għal sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

*Stante* li ma kien hemm ebda esperti jew periti mqabbda in konnessjoni ma' din il-kawża, l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tiddikjara wkoll lil kull wieħed mill-imputati bħala immigrant projbit *ai termini* tal-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill- Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu bil-liġi, jassigura li l-imputati jiġu deportati minn dawn il-Gżejjer wara li jkunu skontaw il-piena skond din is-sentenza.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**
**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**